‘L-Akwidott...400 Sena Wara’
Kunċert li jfakkar l-400 sena mill-bidu tal-bini tal-Akwidott
Mill-University Junior College Orchestra
Taħt id-direzzjoni ta’
Manoel Pirotta DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)] Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM

**Programm**

**A moment like this** – Jörgen Kjell Elofsson = 4 mn.

Daħla mill-preżentaturi

**Go West** – Village People = 3 ½ mn.
**Air for winds** – André Waignein / Arr.: Manoel Pirotta = 4 mn.
**Glasnost** – Dizzy Stratford = 4 ½ mn.

Preżentaturi – Informazzjoni dwar il-proġett ta’ bini tar-replika tal-bieb ta’ Fleur-de-Lys

**We are the Champions** – Freddie Mercury = 3 mn.
**In a Monastery Garden - Characteristic Intermezzo** – Albert William Ketèlbey = 5 ¾ mn.
**Funiculì Funiculà** – Luigi Denza = 3 mn.

Preżentazzjoni awdjo- viżiva dwar l-akwidott

**All I want for Christmas is You** – Mariah Carey / Walter Afanasieff = 4 mn.

Diskorsi tal-okkażjoni u għeluq

**Innu Studenti Universitarji** – Carmelo Pace (1906-93) = 4 mn.

Riċeviment għall-mistiedna



Il-**University Junior College Orchestra** hija magħmula minn student li fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu, jew għadhom, jattendu l-kulleġġ. L-orkestra tat ’il fuq minn 150 kunċert, uħud minnhom barra minn Malta, fosthom l-Italja, l-Ġermanja u Franza. F’Malta, minbarra li tieħu sehem fl-attivitajiet kulturali tal-kulleġġ stess, fosthom is-soirée annwali, li jinżamm fl-awditorju Fr Peter Serracino-Inglott, hija tat kunċerti ta’ mużika sagra fil-konkatidral ta’ San Ġwann il-Belt Valletta, u knejjes oħra mxerrdin mal-gżejjer Maltin, fosthom dik tal-Lunzjata, il-Birgu, u ta’ San Ġwann Battista, ix-Xewkija, f’Għawdex; kif ukoll ġo lukandi lussużi, fosthom l-InterContinental Hotel, San Ġiljan, id-Dolmen Resort Hotel, il-Qawra, u n-New Kennedy Nova Hotel, il-Gżira, kif ukoll is-San Lawrenz Leisure Resort, San Lawrenz, Għawdex. Postijiet oħrajn jinkludu, ‘Dar l-Ewropa’, ‘Dar il-Mediterran għall-Konferenzi’, ‘Casino Maltese’, u l-foyer ta’ ‘The Chamber of Commerce & Enterprise’, fil-Belt Valletta, kif ukoll is-‘Salesian Theatre’, Tas-Sliema, u t-teatru tal-Universita’. L-orkestra ħadet sehem f’għadd ta’ festivals fuq skala nazzjonali, fosthom, l-ewwel edizzjonijiet tan-‘Notte Magica’ u ‘Festa Niċeċ’, iż-Zebbuġ, Għawdex; it-tieni edizzjoni tal-‘Birgu by Candle Light’, ‘Notte Bianca’ (2009 u 2010), Il-jum dinji tat-tfal (2009, 2010), kif ukoll il-‘Christmas Village’ fil-park nazzjonali, Ta’ Qali. Mro Manoel Pirotta ilu jmexxi din l-orkestra għal dawn l-aħħar 12-il sena.



**Manoel Pirotta** twieled in-Naxxar fl-1962. Tgħallem il-klarinett u ngħaqad mal-Banda Ċittadina King's Own ta' 12-il sena. Studja għand il-kompożitur prolifiku, Carmelo Pace. Kiseb ħames 'fellowships' mill-VCM (1994), LCM (1995), NCM (1996), TCL (1997), u IBC (2004). Kiseb il-midalja tad-deheb fil-kompożizzjoni (1995), u l-orkestrazzjoni (1996), u *certificated and registered teacher* (1999) mill-VCM li tiegħu huwa membru onorarju. Iggradwa *Masters* mill-konservatorju nazzjonali superjuri ta' Lyon, Franza. *Full-time lecturer* fil-*University of Malta Junior College* fejn jgħallem il-programm tal-mużika tal-MATSEC fil-livell avvanzat u dak intermedju. Nominat *International Musician of the Year* mir-*Research and Advisory Board of the International Biographical Centre*, *Cambridge* (2003). Mexxa il-*Catholic Institute Orchestra* (1987-9), l-*Orkestra Żgħażagħ Maltin* (1994-6), u l-*Euro Academy Youth Orchestra* (2002-8). Ilu jmexxi l-*University Junior College Orchestra* sa mill-1999. Għandu xogħlijietu ppubblikati f'antoloġiji mużikali, oħrajn jinsabu fuq CDs, u oħrajn indaqqew f'pajjiżi Ewropej. Rebbieħ ta' għadd ta' midalji u gari mużikali, fosthom għall-aqwa marċ brijuż imniedi mis-*Società Filarmonica Nazionale* "La Valette" f'għeluq il-125 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Ingħata l-*Grand Prix des Arts* għall-kompożizzjoni u direzzjoni mużikali fit-tmien edizzjoni tal-*Malta International Art Biennale* (2007). Inħatar Surmast tal-*Banda San Giljan* (2008).